MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 318/2011

Kawza fil-lista: 19

**W V**
**vs**
**L-Avukat Dottor Yana Micallef Stafrace u l-Prokuratur Legali Nadine Farrugia nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-imsiefer C V**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li fl-24 ta’ Dicembru 2010 hija kkuntrattat zwieg civili mal-konvenut assenti; li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [d] u fit-termini tal-paragrafu [f] ta’ l-artikolu 19 [1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta,; ghaldaqstant qed titlob li z-zwieg de quo jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi;

Rat ir-risposta guramentata li biha l-kuraturi deputati rrispondew li ma kienux edotti bil-fatti tal-kaz, u rrizervaw li jipprezentaw risposta motivata f'kaz u jekk jigu edotti mil-fatti;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz l-affidavit prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob dikjarazzjoni gudizzjali minn din il-Qorti fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fl-24 ta' Dicembru 2010 huwa null fil-ligi fit-termini ta' dispozizzjonijiet tal-ligi fuq citati.

Minn naha tieghu l-konvenut assenti ma prezentax risposta fuq il-meritu.

**Il-Fatti**
Illi mill-provi jirrizultaw mhux kontaddetti s-segwenti fatti.

Illi fl-24 ta' Dicembru 2010 l-attrici, cittadina Maltija, li allura kellha 35 sena  izzewwget lill-konvenut, cittadin Tunezin ta' 25 sena, wara li saret tafu waqt btala fit-Tunezija u minn hemm baqu f'kuntatt. Wara konvivenza matrimonjali ta' anqas minn sena fejn matul dina s-sena l-konvenut kien ta spiss imur lura pajjizu u dan dejjem minghajr martu, l-istess konvenut telaq u ma regax irritorna.

Illi l-attrici tispjega li finanzjarjament kienu jiddependu mill-genituri taghha specjalment minhabba l-fatt li kienu jghixu maghhom.  Il-konvenut hadem biss ghal ftit u l-introjtu li kellu kien zammu sabiex jidevolvieh fi propjeta` gewwa t-Tunezija u dan dejjem minghajr l-involviment ta' l-attrici.  Inoltre, l-attrici tghid li kien hemm ukoll nisa ohra li l-konvenut kellu kuntatt maghhom.

Il-konvenut giet deskritt bhala persuna minghajr responsabbilta` sabiex ikollu familja, kien ghazzien, mohhu biex johrog jixrob ma' shabu u aktar jinpurtah mill-familja tieghu gewwa t-Tunezija milli sabiex jistabbilixxi ruhhu Malta flimkien ma' martu.

L-attrici wkoll tenfasizza fuq il-fatt li mhux darba zewgha qata *one way* ticket lejn pajjizu u sahhansitra kien halliha waheda minghajr flus anqas sabiex tirritorna lura Malta meta marru South Wales.

Jidher li bejn il-partijiet kien hemm differenza konsiderevoli fl-eta` u cjoe ta' ghaxar snin u din kienet ta' detriment ghar-relazzjoni ta' bejnithom kif ukoll ghall-prioritajiet taghhom bhala mizzewgin. Il-konvenut jidher li kien aktar mohh ir-rih fejn anke stqarr li kien ghadu kmieni sabiex jibdew familja mentri ta' 35 sena ghall-attrici x-xewqa ta' tfal u familja kienet aktar iminenti.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta manifestament li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali l-konvenut kien inkapaci li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, u senjatament dawk naxxenti minn unjoni bazata fuq il-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku, il-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied.

Ghaldaqstant, fil-fehema ta' din il-Qorti, f' dan il-kaz jikkonfigura fil-konfront tal-konvenut il-*caput nullitatis* kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255; u ghalhekk it-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat minnha mal-konvenut fl-24 ta' Dicembru 2010.

L-ispejjez jkunu a kariku tal-konvenut, izda dawk relattivi ghall-kuraturi deputati ghandhom jithallsu provvizorjament mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------